MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Numru. 680/2009

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**VS**
**JOSEPH SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Spiteri ta’ 44 sena, iben Francis u Victoria nee’ Stivala, imwieled fit-18 ta’ Settembru, 1964 gewwa Floriana, residenti 9, Triq V. Dimech, Floriana u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 479964(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar l-14 ta’ Lulju 2009, kif ukoll fi granet u hinijiet differenti f’dawn l-ahhar snin, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda,

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ martu Annunzjata Spiteri detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 470465(M) u cioe wahda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 222 (1) (a), wera’ dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 41 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi hebb ghal martu Annunzjata Spiteri detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 470465(M) u cioe wahda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 222 (1) (a) u kkagunalha offiza ta’ natura hafifa u dan bi ksur ta’ Artikolu 221 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, kkaguna lill-Annunzjata Spiteri detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 470465(M), biza li se tintuza vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Annunzjata Spiteri hekk tibza’ kull darba minn dawk l-okkazjonijiet u dan bi ksur ta’ Artikolu 251B (1) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Annunzjata Spiteri u/jew b’mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal Annunzjata Spiteri u dan bi ksur ta’ Artikolu 251A (1)(a)(b) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. u aktar talli fl-14 ta’ Lulju 2009 ghal habta ta’ l-10:30hrs gewwa Triq V. Dimech, Floriana, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn Euros 1164.69 (Lm500) imma iktar minn Euro 116.47 (Lm50) ghad-detriment ta’ martu Annunzjata Spiteri detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 470465(M) bhala sidt il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni

JOS 964 u dan bi ksur ta' Artikolu 325 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi hebb ghal Annunzjata Spiteri sabiex jingurjha, idejjaqha u/jew jaghmillha hsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339 (1)(d) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ingurja u/jew hedded lil Annunzjata Spiteri u dan bi ksur ta' Artikolu 339 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(c) fejn tiprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lil Annunzjata Spiteri u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Annunzjata Spiteri ai termini ta' l-Artikolu 382A et. Sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali a fol 29,u ta' l-imputat a fol 7 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ir-rinunzja tal-kwerelanti Anunzjata Spiteri ta' 15 ta'April 2010;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat dwar l-1 , 2 u 3 akkuza;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Semghet ir-rinunzja ghall-azzjoni kriminali da parti tal Kwerelanti Anunzjata Spiteri;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputat **Joseph Spiteri** hati tal-ewwel , tat-tieni ,u t-tielet akkuza b'assorbiment ta' fini ta'piena fir-raba akkuza u wara li rat l-Artikoli 41(a), 221, 222(1)(a), 251B(1), 251A(1)(a)(b) , 28A , 28G tal-Kap tal-Ligijiet ta'Malta, u Artikolu 7 ta'Kap 446 tal-Ligijiet ta'Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Spiteri ghall-sentejn (2) prigunerija sospiza ghall-erba' snin (4).

In oltre', tqieghed lill-imputat Joseph Spiteri taht *Supervision Suspended Order* ghall-perjodu ta'tlett snin (3) taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

Illi, in oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-psikjatra Dr Anton Grech ghal perijodu ta' sentejn (2), b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikjatra Dr Anton Grech

Illi ghal rigward tal-hames , is-sitt u seba akkuza, il-Qorti tiddikjara il-procediment ezawriet in vista tar-rinunzja tal-kwerelanti Annunzjata Spiteri.

Din il-piena qedgha tigi akkordata in vista ta’ l-amissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-Fedina Penali tieghu u il-kundizzjoni tas-sahha mentali tal-imputat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem semplici is-sinjifikat u konsegwenzi ta’ sentenza ta’ supervizzjoni f’sentenza sospiza u *Treatment Order* .

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-*Probation Services* li ghandu jirraporta bil-miktub fuq il-progress o meno ta’ l-imputat kull sitt xhur u lil psikjatra Dr Anton Grech..

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------